VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,601, 1 ta' Lulju, 2016
Taqsima B

A.L. 243 tal-2016

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (KAP. 261)

Ordni tal-2016 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 tal-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamlet dan l-ordni li ġej:-

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2016 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artikolu 4 ta' dan l-Ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet tal-artikolu 12 tal-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artikolu 2 ta' dan l-Ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mit-13 ta' Ġunju, 2016.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-Ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Żewġ blokkijiet, magħrufin bħala Blokk H u Blokk I fil-Qasam tad-Djar ta' Ħal Farruġ, Luqa u jmissu mill-Grigal u mil-Lbiċ ma' passaġġi pubbliċi u mill-Majjistral ma' Triq in-Noqor. Dawn il-blokkijiet jinsabu fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement tal-ex-Servizzi Nru. 16561 u jinsabu delineati bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2016_0038, kif ġej:

(a) Blokk H jikkonsisti f'sittax-il *flat* li minnhom tnejn qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti. Il-*flats* enumerati 2 sa 8 Entratura A jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 78292 sa 78298, il-*flats* enumerati 1 sa 4 Entratura B jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 78299 sa 78302 u l- *flats* enumerati 6 sa 8 Entratura B jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 78304 sa 78306; u

(b) Blokk I jikkonsisti f'sittax-il *flat* li minnhom tnejn qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti. Il-*flats* enumerati 1

VERŻJONI ELETTRONIKA

sa 4 Entratura A jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 78307 sa 78310, il-*flats* enumerati 6 sa 8 Entratura A jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 78312 sa 78314, il-*flats* enumerati 1 sa 4 Entratura B jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 78315 sa 78318 u l-*flats* enumerati 6 sa 8 Entratura B jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 78320 sa 78322. (HAA 121/2015, HAA 104/2012, HAA 177/2014, HAA 139/2011).

(2) Blokk, magħruf bħala Blokk L, li jikkonsisti f'sitt *flats* li minnhom wieħed qed jiġi eskluż mit-trasferiment minħabba li kien diġà trasferit b'avviż legali preċedenti, fi Triq ix-Xemxija, Marsa. Dan il-blokk imiss mill-Majjistral u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern u mix-Xlokk ma' Triq ix-Xemxija. Il-*flats* enumerati 2 sa 6 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 71517 sa 71521. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 41/80 datat 19 ta' Marzu 1980 fl-atti tan-Nutar A. Grech u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block L" fuq il-pjanta P.D. 2013_639_1. (HAA 13/2013).

(3) Żewġ blokkijiet, magħrufin bħala Blokk A u Blokk B, Ċentru Ċiviku, li jikkonsisti fi tnax-il *flat* li minnhom wieħed qed jiġi eskluż mit-trasferiment minħabba li kien diġà trasferit b'avviż legali preċedenti, fi Triq l-Arkata, Raħal Ġdid. Dawn il-blokkijiet imissu mix-Xlokk spazju miftuħ pubbliku, mil-Lbiċ ma' Triq il-Foss u mill-Grigal ma' Triq l-Arkata. Il-*flats* enumerati 1 sa 6 Entratura A jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 72116 sa 72121, il-*flats* enumerati 7 u 8 Entratura B jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 72122 u 72123 rispettivament u l-*flats* enumerati 10 sa 12 Entratura B jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements 72125 sa 72127. Dawn il-blokkijiet jinsabu fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenements bin-numri 50702 u 50707 u jinsabu delineati bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2016_0024. (HAA 144/2014, HAA 96/2015).

(4) Blokk, magħruf bħala Blokk 13, li jikkonsisti f'sittax-il *flat* li minnhom tlieta qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti, f'Misraħ Ċentawrja u Triq il-Kampanella, San Ġwann. Dan il-blokk imiss mill-Majjistral ma' Triq il-Kampanella, mill-Grigal ma' Triq l-Istefanotis u mix-Xlokk ma' Misraħ Ċentawrja. Il-*flats* enumerati 1 sa 3 Entratura A jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 71392 sa 71394, il-*flat* enumerat 5 Entratura A jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement bin-

VERŻJONI ELETTRONIKA

numru 71396, il-*flats* enumerati 7 u 8 Entratura A jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 71398 u 71399 rispettivament, il-*flats* enumerati 9 u 10 Entratura B jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 71400 u 71401 rispettivament u l-*flats* enumerati 12 sa 16 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 71403 sa 71407. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement bin-numru 51328 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "BLOCK 13" fuq il-pjanta P.D. 2016_0635. (HAA 115/2015, HAA 116/2015).

(5) Blokk, magħruf bħala Blokk 6, Entraturi A-C, li jikkonsisti f'erbgħa u għoxrin *flat* li minnhom ħamsa qed jiġu esklużi mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Vjal in-Naspli, San Ġwann. Dan il-blokk imiss mill-Punent ma' Vjal in-Naspli, mil-Lvant ma' Triq il-Buganvilla u mit-Tramuntana ma' Vjal ir-Rihan. Il-*flats* enumerati 1 sa 8 Entratura A jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 68669 sa 68676, il-*flats* enumerati 9, 11 u 13 Entratura B jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 68677, 68679 u 68681 rispettivament u l-*flats* enumerati 18 sa 24 Entratura C jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 68686 sa 68692. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 422 datat 11 ta' Diċembru 1974 fl-atti tan-Nutar A. Grech u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "BLOCK 6" fuq il-pjanta P.D. 2016_0605. (HAA 112/2013, HAA 111/2013, HAA 47/2011).

(6) Blokk, magħruf bħala Blokk III, li jikkonsisti f'sittax-il *flat* li minnhom ħamsa qed jiġu esklużi mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq il-Mimosa, San Ġwann. Dan il-blokk imiss mit-Tramuntana ma' Triq il-Mimosa, mill-Punent ma' passaġġ pubbliku u min-Nofsinhar ma' Triq il-Bruka. Il-*flats* enumerati 3 sa 7 Entratura A jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements enumerati 68946 sa 68950, il-*flats* enumerati 9 sa 12 Entratura B jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 68952 sa 68955 u l-*flats* enumerati 14 u 16 Entratura B jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 68957 u 68959 rispettivament. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratti bin-numri 181/70 datat 27 ta' Ġunju 1970, 21/81 datat 18 ta' Frar 1981 u 23/81 datat 25 ta' Frar 1981, kollha fl-atti tan-Nutar A. Grech u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block 'III' " fuq il-pjanta P.D. 2016_0633. (HAA 165/2012, HAA 16/2012).

VERŻJONI ELETTRONIKA

(7) Blokk, magħruf bħala Blokk 18, li jikkonsisti fi tnax-il *flat* li minnhom erbgħa qed jiġu esklużi mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq il-Fresja u Triq il-Ġilju, San Ġwann. Dan il-blokk imiss mill-Majjistral ma' Triq il-Fresja, mil-Lbiċ ma' passaġġ pubbliku u mix-Xlokk ma' Triq il-Ġilju. Il-*flats* enumerati 1 sa 3 Entratura A jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 73411 sa 73413, il-*flat* enumerat 5 Entratura A jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement bin-numru 73415, il-*flat* enumerat 8 Entratura B jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement bin-numru 73418 u l-*flats* enumerati 10 sa 12 Entratura B jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 73420 sa 73422. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement bin-numru 51328 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "BLOCK 18" fuq il-pjanta P.D. 2016_0600. (HAA 118/2015, HAA 119/2015).

(8) Blokk, magħruf bħala Binja Indipendenza, li jikkonsisti f'ħamsa u għoxrin *flat* li minnhom erbgħa qed jiġu esklużi mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq Maria de Domenicis, Santa Luċija. Dan il-blokk imiss mill-Majjistral ma' Triq Maria de Domenicis, mil-Lbiċ ma' Triq M Strickland u mix-Xlokk ma' Triq id-Dawl. Il-*flats* enumerati 1 u 3 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 76311 u 76313 rispettivament, il-*flats* enumerati 5 sa 9 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 76316 sa 76319, il-*flats* enumerati 11 u 12 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 76321 u 76322 rispettivament u l-*flats* enumerati 14 sa 26 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 76323 sa 76335. Parti minn dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern mhux irreġistrata u l-parti l-oħra tinsab fuq art akwistata b'Kuntratt Nru. 20-55/61 datat 18 ta' Frar 1961 fl-atti tan-Nutar H. Borg, b'Kuntratt Nru. 38/79 datat 15 ta' Marzu 1979 fl-atti tan-Nutar A. Attard u b'Kuntratt Nru. 85/77 datat 16 ta' Awwissu 1977 fl-atti tan-Nutar A. Attard u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2013_662_1. (HAA 271/2012).

(9) Blokk, magħruf bħala Blokk R, li jikkonsisti f'sittax-il *flat* li minnhom sebgħa qed jiġu esklużi mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq iċ-Ċinerarja, Santa Luċija. Dan il-blokk imiss mill-Grigal ma' Triq l-Anzalor, mill-Majjistral ma' Triq Guljetta Lopez u mil-Lbiċ ma' Triq iċ-Ċinerarja. Il-*flats*

VERŻJONI ELETTRONIKA

enumerati 2 u 5 Entratura A jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 70883 u 70886 rispettivament, il-*flats* enumerati 7 u 8 Entratura A jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 70888 u 70889 rispettivament, il-*flat* enumerat 1 Entratura B jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement bin-numru 70890 u l-*flats* enumerati 3 to 6 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 70892 sa 70895. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 556/74 datat 29 ta' Lulju 1974 u b'Kuntratt Nru. 87/77 datat 16 ta' Awwissu 1977, it-tnejn fl-atti tan-Nutar A. Attard u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "BLOCK R" fuq il-pjanta P.D. 11_82_129. (HAA 9/2016, HAA 10/2016).

(10) Blokk, magħruf bħala Blokk T, li jikkonsisti f'sitt *flats* li minnhom tlieta qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq Katerina Vitale, Santa Luċija. Dan il-blokk imiss mil-Lbiċ ma' Triq Maria de Domenicis, mill-Majjistral ma' Triq Katerina Vitale u mill-Grigal ma' Triq iċ-Ċiklamini. Il-*flats* enumerati 1, 3 u 5 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 72076, 72078 u 72080 rispettivament. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 556/74 datat 29 ta'Lulju 1974 fl-atti tan-Nutar A. Attard u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block T" fuq il-pjanta P.D. 11_82_130. (HAA 71/2011).

(11) Blokk, magħruf bħala Blokk V, li jikkonsisti f'sitt *flats* li minnhom erbgħa qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq il-Fuxa, Santa Luċija. Dan il-blokk imiss mill-Majjistral ma' Triq il-Fuxa, mil-Lbiċ ma' Triq iċ-Ċinerarja u mill-Grigal ma' Triq l-Anzalor. Il-*flats* enumerati 4 u 5 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 72085 u 72086 rispettivament. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 556/74 datat 29 ta' Lulju 1974 u b'Kuntratt Nru. 87/77 datat 16 ta' Awwissu 1977, it-tnejn fl-atti tan-Nutar A. Attard u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 11_82_131. (HAA 12/2016).

(12) Blokk, magħruf bħala Blokk U, li jikkonsisti f'sittax-il *flat* li minnhom tnejn qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq iċ-Ċinerarja, Santa Luċija. Dan il-blokk imiss mil-Lbiċ ma' Triq iċ-Ċiklamini, mix-Xlokk ma' Triq Maria de Domenicis u mill-Grigal ma' Triq iċ-Ċinerarja. Il-*flats* enumerati 1 sa 4 Entratura A jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-

VERŻJONI ELETTRONIKA

numri 72088 sa 72091, il-*flats* enumerati 6 sa 8 Entratura A jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 72093 sa 72095 u l-*flats* enumerati 1 sa 7 Entratura B jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 72096 sa 72102. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 556/74 datat 29 ta' Lulju 1974 fl-atti tan-Nutar A. Attard u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block U" fuq il-pjanta P.D. 11_82_132. (HAA 106/2011, HAA 11/2016).

(13) Blokk, magħruf bħala Blokk C, li jikkonsisti fi ħmistax-il *flat* li minnhon tlieta qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq il-Ġilju, Żabbar. Dan il-blokk imiss mit-Tramuntana ma' passaġġ pubbliku, mill-Punent ma' Triq il-Ġilju u minn Nofsinhar ma' Triq il-Ġiżimina. Il-*flats* enumerati 1 u 2 jinsabu reġistrati mal-Gven bħala Tenements bin-numri 66813 u 66814 rispettivament, il-*flats* enumerati 5 sa 8 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 66817 sa 66820, il-*flats* enumerati 10 sa 13 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 66822 sa 66825 u l-*flats* enumerati 15 u 17 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 66827 u 66829 rispettivament. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement bin-numru 50785 portion 15 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 37_81_59. (HAA 19/2003).